Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Numru 1122/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**JEAN-PIERRE CASSAR PARNIS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jean-Pierre Cassar Parnis iben Mark u Anna nee' Caruana, twieled nhar is-07 ta' Novembru 1979, f' San Giljan, joqghod Ice, Fl 2, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, detentur tal-karta ta' l identita 545179(M)

Billi gie akkuzat talli fit-30 ta' Settembru 2010 ghal habta ta' t-08.00a.m waqt li kien f'San Giljan fil-vicinanzi tal-lukanda Le Meridean u/jew fil-vicinanzi:

Ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Samantha Jenkins

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok TM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jean-Pierre Cassar Parnis, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li fil- Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu dwar l-akkadut, tillibera lill-imputat Jean-Pierre Cassar Parnis taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jean-Pierre Cassar Parnis l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------